

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 27.10.2010
KUMM(2010) 607 finali

2010/0301 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda d-Direttiva 2000/25/KE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għat-tratturi
mqiegħda fis-suq skont l-iskema tal-flessibbiltà**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

SEG(2010) 1252
SEG(2010) 1251

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Id-Direttiva 2000/25/KE¹ dwar l-azzjoni li għandha tittieħed kontra l-emissjonijiet ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni għat-tmexxija ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE (aktar 'il quddiem "id-Direttiva") tirregola l-emissjonijiet massimi tal-egżost tal-monossidu tal-karbonju (CO), tal-idrokarboni (HC), tal-ossidi tan-nitroġenu (NOx) u materja ta' partikulu (PM) mill-magni tad-diżil li jkunu installati fit-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija. Din id-Direttiva ġiet allinjata mad-Direttiva simili għal makkinarju mobbli mhux tat-triq (97/68/KE).

Id-Direttiva tipprevedi stadji ta' limitu ta' emissjonijiet ta' strettezza dejjem tikber mad-dati korrispondenti ta' konformità. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-magni l-ġodda jikkonformaw ma' dawn il-limiti sabiex jistgħu jitqiegħdu fis-suq.

Fuq il-bażi tal-emenda tad-Direttiva 2004/26/KE², id-Direttiva 2005/13/KE³ introduċiet l-istadju applikabbli bħalissa ta' limiti ta' emissjonijiet tal-maġġoranza tal-magni tad-diżil imsemmi bħala l-Istadju IIIA. Dawn il-limiti se jiġu sostitwiti mil-limiti aktar stretti tal-Istadju IIIB progressivament mill-1 ta' Jannar 2011 għat-tratturi ġodda li jinbiegħu. Il-perjodu ta' approvazzjoni tat-tip għal dawn il-magni beda fl-1 ta' Jannar 2010. Diversità kbira ta' produzzjoni ta' tratturi hija affettwata.

Biex jikkonformaw mal-limiti tal-Istadju IIIB, il-magni bħalissa għandhom jkunu modifikati sostanzjalment. It-tibdiliet fil-konfigurazzjoni, id-daqs jew fil-piż tal-magni għandhom effett qawwi għall-manifatturi tat-tratturi li se jkollhom jaddattaw kompletament it-tifsila tal-magni tagħhom sabiex jakkomodaw il-magni modifikati. Dan il-proċess jista' jibda biss ladarba l-magna tiġi żviluppata kompletament. Is-soluzzjonijiet tekniċi għal magni konformi mat-IIIB ġeneralment għadhom mhux finalizzati. Għalhekk, il-manifatturi tat-tratturi mhumie x f'pożizzjoni li jfasslu mill-ġdid kompletament il-vettura fejn għandha tiġi installata l-magna. Filwaqt li għal xi wħud minnhom, il-ħtiġijiet ta' emissjonijiet skont l-Istadju IIIB mhux se jimponu problemi sinifikanti ħafna, f'każijiet oħra magna konformi mal-Istadju IIIB għadha 'l bogħod milli tkun iffinalizzata u hemm bżonn ta' ammont sostanzjali ta' aktar riċerka u żvilupp teknoloġiku biex ikun żgurat li t-tratturi jistgħu jitqiegħdu fis-suq b'magni konformi mal-Istadju IIIB.

L-ispejjeż ta' konformità biex il-manifatturi jlaħħqu mal-limiti l-ġodda ta' emissjonijiet huma sinifikanti. Dawn l-ispejjeż jinkludu, pereżempju, l-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp, l-ispejjeż tat-tfassil mill-ġdid tat-tagħmir, l-ispejjeż tal-għodda ta' wara t-trattament, l-ispejjeż tad-dokumentazzjoni u l-ittikkettar, eċċ.

Mill-bidu tal-2009 'l quddiem ħafna mill-industrija bbażata fl-UE li tipproduċi t-tratturi intlaqtet ħażin ħafna u mingħajr ma kien mistenni mill-kriżi finanzjarja u ekonomika globali. B'mod ġenerali, it-tnaqqis f'daqqa fil-bejgħ ikkawża tnaqqis kbir fid-dħul u fil-kapital disponibbli biex jiffinanzjaw ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku għat-tratturi b'magni

¹ GÜ L 173, 12.7.2000, p. 1

² GÜ L 225, 25.6.2004, p. 3.

³ GÜ L 55, 1.3.2005, p. 35

konformi mal-Istadju IIIB fil-kategoriji kollha ta' qawwa u l-applikazzjonijiet fil-limiti taż-żmien fid-Direttiva.

Id-Direttivi 2004/26/KE u 2005/13/KE introduċew ukoll l-hekk imsejħa skema tal-flessibbiltà biex tiffaċilita t-tranżizzjoni bejn l-istadji differenti ta' emissjonijiet. Din tippermetti lill-manifattur tat-tratturi li jqiegħed fis-suq, matul il-perjodu ta' stadju wieħed tal-valuri tal-limitu tal-emissjonijiet tal-egżost, numru limitat ta' tratturi li jkollhom magni li jibqgħu jikkonformaw mal-limiti tal-emissjonijiet tal-egżost tal-istadju preċedenti. L-iskema tal-flessibbiltà tippermetti lill-manifattur tat-tratturi li jqiegħed fis-suq (1) għal kull kategorija ta' qawwa tal-magna numru limitat ta' tratturi li ma jaqbiżx l-20 % tal-bejgħ annwali tal-manifattur tat-tratturi (ikkalkulat fuq il-medja tal-bejgħ fl-UE tal-aħħar ħames snin) jew (2) numru fiss ta' tratturi kif stipulat fid-Direttiva. It-tieni għażla hija maħsuba għal impriżi iżgħar li jipproduċu volumi iżgħar ta' magni.

Il-proposta meħmuża tindirizza s-sitwazzjoni li l-manifatturi jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiksibu l-approvazzjoni għall-magni konformi mal-Istadju IIIB u jqiegħduhom fis-suq minħabba dewmien fit-tifsila ta' magni ġodda u l-kriżi finanzjarja mhux mistennija. Huwa propost li jiġu modifikati d-dispożizzjonijiet tal-iskema tal-flessibbiltà biex jitnaqqsu l-effetti tat-tranżizzjoni tal-Istadji tal-emissjonijiet minn IIIA għal IIIB billi tiġi estiża l-applikazzjoni tagħha filwaqt li jinżamm id-dħul fis-seħħ l-Istadju IIIB tal-limitu tal-emissjonijiet tal-egżost biex jinżamm l-għan tad-Direttiva li tnaqqas l-emissjonijiet ta' inkwinanti ta' gass u partikolati fl-Unjoni Ewropea.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Ġew ikkonsultati rappreżentanti tal-Istati Membri u l-partijiet interessati tal-industrija dwar il-proposta permezz tal-Grupp tal-Esperti dwar l-Emissjonijiet tal-Makkinarju skont id-Direttiva (GEME) u permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tratturi għall-Agrikoltura (WGAT). Barra minn hekk, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni profonda bejn Mejju u Ġunju 2009 mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-partijiet interessati rilevanti kollha, jiġifieri l-industrija, l-organizzazzjonijiet ambjentali, l-assoċjazzjonijiet tal-ħaddiema. Il-proposta tqis Reviżjoni Teknika tad-Direttiva 97/68/KE⁴ taċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta (JRC) li tinkludi, *inter alia*, evalwazzjoni tal-ħtieġa li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet tal-iskema tal-flessibbiltà; studju tal-Valutazzjoni tal-Impatt minn konsulent estern⁵ biex jivvaluta l-impatti tal-għażliet politiċi proposti kif stabbiliti fl-abbozz tar-Reviżjoni Teknika tal-JRC, u studju kumplimentarju dwar l-impatti tal-għażliet tar-Reviżjoni Teknika tal-JRC, inklużi l-konsegwenzi ta' emenda tal-iskema tal-flessibbiltà għall-SMEs.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-għan tad-Direttiva 2000/25/KE, kif ukoll l-emenda proposta, hija li tikkontribwixxi lejn tħaddim bla skossi tas-suq intern għat-tratturi filwaqt li jkunu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Il-bażi legali għalhekk hija l-Artikolu 114 tat-Trattat.

⁴ L-abbozz tar-rapport finali tar-Reviżjoni Teknika tinsab fuq il-web page tal-NRMM fuq il-websajt Europa: http://ec.europa.eu/enterprise/mechan_equipment/emissions/2007tecrew_dfr.pdf

⁵ Ir-rapport finali tal-istudju IA mwettaq minn ARCADIS N.V. huwa disponibbli fuq il-paġna tal-internet tal-NRMM fuq il-websajt Europa. http://ec.europa.eu/enterprise/mechan_equipment/emissions/impactassessment/nrmm_iastudy_fnrep.pdf

Il-proposta tipprevedi l-emendi li ġejjin fid-Direttiva 2000/25/KE:

Żieda fil-perċentwal tan-numru ta' magni mqiegħda fis-suq skont l-iskema tal-flessibbiltà f'kull kategorija ta' magna minn 20 % sa 50 % tal-bejgħ annwali ta tagħmir tal-manifattur tat-tratturi u adattament tan-numru massimu ta' magni li jistgħu jitqiegħdu fis-suq skont l-iskema tal-flessibbiltà bħala għażla alternattiva, fil-perjodu bejn l-Istadju IIIA tal-emissjonijiet sal-Istadju IIIB tal-emissjonijiet. Din il-miżura se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit Komunitarju.

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li temenda d-Direttiva 2000/25/KE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għat-tratturi
mqiegħda fis-suq skont l-iskema tal-flessibbiltà**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Europea⁶,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁷,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁸,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2000/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2000 dwar l-azzjoni li għandha tittieħed kontra l-emissjonijiet ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni għat-tmexxija ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE⁹ tirregola l-emissjonijiet tal-egżost mill-magni li jkunu installati fit-tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija. L-istadju attwali tal-limiti tal-emissjonijiet li japplikaw għall-approvazzjoni tat-tip tal-maġġoranza tal-magni bit-tqabbid bil-kompressjoni huwa msejjaħ Stadju IIIA. Id-Direttiva tipprevedi li daww il-limiti jiġu sostitwiti bil-limiti aktar stretti tal-Istadju IIIB, li jidħlu fis-seħħ b'mod gradwali mill-1 ta' Jannar 2011 fir-rigward tat-tqegħid fis-suq u mill-1 ta' Jannar 2010 fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip għal daww il-magni. L-Istadju IV, li jipprevedi valuri tal-limitu aktar stretti mill-Istadju IIIB, se jidħol fis-seħħ b'mod gradwali mill-1 ta' Jannar 2013 fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip għal daww il-magni u mill-1 ta' Jannar 2014 fir-rigward tat-tqegħid fis-suq.
- (2) It-tranżizzjoni għall-Istadju IIIB tinvolvi bidla fit-teknoloġija li teħtieġ spejjeż sinifikanti tal-implimentazzjoni għat-tfassil mill-ġdid tal-magni u għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tekniċi avvanzati. Din it-tranżizzjoni stipulata mill-leġislatur fl-2005

⁶ ĠU C , , p. .

⁷ ĠU C , , p. .

⁸ ĠU C , , p. .

⁹ ĠUL 173, 12.7.2000, p. 1.

tikkoinċidi mar-riċessjoni ekonomika fis-settur ikkonċernat u dan jagħmilha diffiċli biex l-industrija tħallas l-ispejjeż tal-implimentazzjoni meħtieġa sabiex tadatta għar-rekwiżiti legali l-ġodda.

- (3) Id-Direttiva 2000/25/KE tipprevedi skema ta' flessibbiltà li tippermetti lill-manifatturi tat-tratturi li jixtru, fil-perjodu bejn żewġ stadji ta' emissjonijiet, kwantità limitata ta' magni li ma jikkonformawx mal-valuri tal-limitu tal-emissjonijiet attwali, iżda huma approvati sal-istadju preċedenti l-aktar qrib tal-limiti ta' emissjonijiet.
- (4) Mill-2005, id-Direttiva 2000/25/KE tipprevedi fl-Artikolu 4(8) l-evalwazzjoni tal-ħtieġa possibbli għal-flessibbiltajiet addizzjonali fir-rigward tal-valuri tal-limitu tal-Istadju IIIB u IV. Sabiex jiġi provdut serħan temporanju lill-industrija meta tkun għaddejja għall-istadju li jmiss, huwa meħtieġ li jiġu adattati l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-iskema tal-flessibbiltà.
- (5) Matul it-tranżizzjoni mill-Istadju IIIA sal-Istadju IIIB, il-perċentwal tan-numru ta' magni mqieġħda fis-suq skont l-iskema tal-flessibbiltà, għandu jiżdied minn 20 % għal 50 % tal-bejgħ annwali tal-manifattur tat-tratturi b'magni f'dik il-kategorija. L-alternattiva mhux obligatorja li numru massimu ta' magni jistgħu jiqieġħdu fis-suq skont l-iskema tal-flessibbiltà għandha tiġi addatta kif xieraq.
- (6) Id-Direttiva 2000/25/KE għalhekk għandha tiġi emendata skont dan.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva jirriflettu diffikultà temporanja li tiffaċċja l-industrija; effettivament, dawn il-miżuri se jkunu ristretti għat-tranżizzjoni mill-Istadju IIIA sal-Istadju IIIB u jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2013,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2000/25/KE għandha b'dan tiġi emendata kif ġej:

1. Għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej fl-Artikolu 3a: "L-iskema tal-flessibbiltà, stabbilita fit-Taqsimiet 1.2., 1.2.1. u 1.2.2 tal-Anness IV għandha tapplika biss għat-tranżizzjoni mill-Istadju IIIA għall-Istadju IIIB u tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2013."
2. It-Taqsima 1 tal-Anness IV għandha tiġi sostitwita bit-test tal-Anness I għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, mhux iktar tard minn [\[12-il xahar mill-pubblikazzjoni tad-Direttiva\]](#) il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet b'effett minn [\[Jum, Xahar, Sena = wara l-jum tad-data tal-applikazzjoni\]](#).

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew inkella għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNESS I

It-Taqsima 1 tal-Anness IV għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"1. AZZJONIJET MILL-MANIFATTURI TA' MAGNI U TRATTURI

- 1.1. Bl-eċċezzjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni bejn l-Istadju IIIA u l-Istadju IIIB, manifattur tat-tratturi li jixtieq jagħmel użu mill-iskema tal-flessibbiltà għandu jitolb permess mill-awtorità ta' approvazzjoni tiegħu biex iqiegħed jew iġib mill-fornituri tal-magni tiegħu, fil-perjodu bejn żewġ stadji tal-emissjonijiet, il-kwantitajiet ta' magni deskritti fit-Taqsimiet 1.1.1. u 1.1.2., li ma jikkonformawx mal-valuri tal-limitu tal-emissjonijiet attwali, iżda huma approvati sal-istadju preċedenti l-aktar qrib tal-limiti tal-emissjonijiet.
- 1.1.1. In-numru ta' magni mqiegħda fis-suq taħt skema ta' flessibbiltà ma għandhomx, f'kull kategorija ta' magni, jaqbuż l-20 % tal-bejgħ annwali tal-manifattur tat-tratturi ta' tratturi b'magna f'dik il-kategorija tal-magna (ikkalkulata bħala l-medja tal-aħħar ħames snin ta' bejgħ fis-suq tal-Unjoni). Fil-każ li manifattur tat-tratturi qiegħed fis-suq tal-Unjoni tratturi għal perjodu ta' inqas minn ħames snin, il-medja li se tiġi kkalkulata hija msejsa fuq il-perjodu attwali li matulu l-manifattur tat-tratturi kkumerċjalizza tratturi fl-Unjoni.
- 1.1.2. Bħala għażla alternattiva għat-Taqsima 1.1.1., il-manifattur tat-tratturi jista' japplika għal permess għall-fornituri tal-magni tiegħu biex iqiegħdu fis-suq numru fiss ta' magni taħt l-iskema tal-flessibbiltà. In-numru ta' magni f'kull kategorija ta' magni ma għandux jaqbeż il-valuri li ġejjin:

Kategorija tal-Magna (kW)	Numru ta' Magni:
19-37	200
37-75	150
75-130	100
130-560	50

- 1.2. Bl-eċċezzjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni bejn l-Istadju IIIA u l-Istadju IIIB, manifattur tat-tratturi li jixtieq jagħmel użu mill-iskema tal-flessibbiltà għandu jitolb permess mill-awtorità ta' approvazzjoni tiegħu biex iqiegħed jew iġib mill-fornituri tal-magni tiegħu, fil-perjodu bejn żewġ stadji tal-emissjonijiet, il-kwantitajiet ta' magni deskritti fit-Taqsimiet 1.2.1. u 1.2.2., li ma jikkonformawx mal-valuri tal-limitu tal-emissjonijiet attwali, iżda huma approvati sal-istadju preċedenti l-aktar qrib tal-limiti tal-emissjonijiet.
- 1.2.1. In-numru ta' magni mqiegħda fis-suq taħt skema ta' flessibbiltà ma għandux, f'kull kategorija ta' magni, jaqbeż il-50 % tal-bejgħ annwali tal-manifattur tat-tratturi ta' tratturi b'magna f'dik il-kategorija tal-magna (ikkalkulata bħala l-medja tal-aħħar ħames snin ta' bejgħ fis-suq tal-Unjoni). Fil-każ li manifattur tat-tratturi qiegħed fis-suq tal-Unjoni tratturi għal perjodu ta' inqas minn ħames snin, il-medja li se tiġi kklakulata hija msejsa fuq il-perjodu attwali li matulu l-manifattur tat-tratturi kkumerċjalizza tratturi fl-Unjoni.

- 1.2.2. Bħala għażla alternattiva għat-Taqsima 1.2.1, il-manifattur tat-tratturi jista' japplika għal permess għall-fornituri tal-magni tiegħu biex iqiegħdu fis-suq numru fiss ta' magni taħt l-iskema tal-flessibbiltà. In-numru ta' magni f'kull kategorija ta' magni ma għandux jaqbeż il-valuri li ġejjin:

Kategorija tal-Magna (kW)	Numru ta' Magni:
37-56	200
56-75	175
75-130	250
130-560	125

- 1.3. Il-manifattur tat-tratturi għandu jinkludi, fl-applikazzjoni tiegħu għall-awtorità ta' approvazzjoni, dan it-tagħrif:
- (a) kampjun tat-tikketti li għandhom jitwāħħlu ma' kull trattur li fih se tiġi installata magna li hija mqiegħda fis-suq taħt l-iskema tal-flessibbiltà. It-tikketti għandu jkollhom il-kliem li ġej: 'NRU TAT-TRATTUR ... (sekwenza tat-tratturi) TA' ...(numru totali ta' tratturi imqassma skont il-medda ta' qawwa rispettiva) B'MAGNA NRU ... BL-APPROVAZZJONI TAT-TIP (Direttiva 2000/25/KE) NRU...'; kif ukoll
- (b) kampjun tat-tikketta supplimentari li għandha titwāħħal fuq il-magna li fiha l-kliem imsemmi fit-Taqsima 2.2. ta' dan l-Anness.
- 1.4. Il-manifattur tat-tratturi għandu jipprovdi lill-awtorità ta' approvazzjoni kwalunkwe tagħrif li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-iskema tal-flessibbiltà li l-awtorità ta' approvazzjoni tqis meħtieġ biex tiegħu deċiżjoni.
- 1.5. Il-manifattur tat-tratturi għandu jagħmel rapport kull sitt xhur lill-awtoritajiet ta' approvazzjoni ta' kull Stat Membru, fejn it-trattur jew il-magna tiġi mqiegħda fis-suq, dwar l-implimentazzjoni tal-iskemi tal-flessibbiltà li qiegħed juża. Ir-rapport għandu jinkludi dejta kumulattiva dwar in-numru ta' magni u tratturi mqiegħda fis-suq taħt l-iskema tal-flessibbiltà, in-numri tas-serje tal-magni u t-tratturi, u l-Istati Membri fejn it-trattur ikun qiegħed jintuża. Din il-proċedura għandha titkompla sakemm l-iskema tal-flessibbiltà tkun għadha tintuża."

**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA GĦAL PROPOSTI LI GĦANDHOM
IMPATT BAĠITARJU ESKLUSSIVAMENT LIMITAT GĦAN-NAĦA TAD-DĦUL**

1. ISEM TAL-PROPOSTA:

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/25/KE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet għal tratturi mqiegħda fis-suq skont l-iskema tal-flessibbiltà

2. LINJI TAL-BAĠIT:

Il-Kapitolu u l-Artikolu: Mhux applikabbli

Ammont ibbaġitjat għas-sena kkonċernata:

3. IMPATT FINANZJARJU

☒ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja

4. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Mhux applikabbli

5. RIMARKI OĦRAJN

L-ebda rimarki